QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI

**MAGISTRAT DOTTOR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Jannar 2001**

Citazzjoni Numru 204/00G1(AMT)

Joe Cassar

-vs-

Angelo Camilleri

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur ppremetta:

Illi huwa ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta' elf seba' mija u erbghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,740.19) dovuti lilu bhala hlas ghal diversi oggetti u materjal mixtrija mill-konvenut mill-hanut ta' l-attur.

U peress illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-attur b'ittra interpellatorja tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) sabiex jaghmel il-pagament tas-somma hawn fuq imsemmija, huwa baqa' inadempjenti.

U press illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jaf l-attur il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talba kontenuta f'din ic-citazzjoni.

U peress illi ghaldaqstant l-attur qed jipprocedi ghal din il-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili u qed jitlob ai termini ta' l-Artikolu 167 illi din l-

Onorabbli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta' din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikoli 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' elf seba' mija u erbghin lira maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,740.19).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, bl-interess legali fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-gurament minnu.

Rat ukoll l-affidavit ta' l-attur minnu kkonfermat bil-gurament.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b'din ic-citazzjoni, kif ukoll bl-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza li ggib id-data tad-19 ta' Dicembru 2000, illi naqas illi jattendi ghas-seduta tal-lum, ghal-liema data kienet giet appuntata din il-kawza.

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddiciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont komplessiv ta' elf seba' mija u erbghin liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,740.19);

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma indikata ta' elf seba' mija u erbghin liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,740.19).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) kontra l-konvenut.

(ft.) Antonio Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur